# LECTIO DIVINA

# Id-Disa' u Għoxrin Ħadd

# Matul is-Sena (Sena Ċ)

**Lq 18,1-8**

## "biex jurihom li għandhom jitolbu dejjem bla ma jaqtgħu"

**"Ġesu' qal parabbola lid-dixxipli tiegħu biex jurihom li għandhom dejjem jitolbu bla ma jaqtgħu."** (v.1)

Fis-silta ta' qabel il-Fariżej staqsew lil Ġesù meta kienet se tiġi s-Saltna t'Alla (ara Lq 17,20). Huwa faċli li fiż-żmien tal-istennija d-dixxiplu jintrebaħ mit-tentazzjoni tal-għajja: *"Għad jiġi żmien meta tkunu tixtiequ taraw jum wieħed minn żmien Bin il-bniedem u ma tarawhx."* (Lq 17,22); *"aħna xbajna b'dan l-ikel ħafif"* (Num 21,5). Pawlu wkoll iħeġġeġ għal dan: *"Ma negħjew qatt nagħmlu l-ġid"* (Gal 6,9; ara wkoll 2 Tes 3,13): *"Ladarba għall-ħniena t'Alla aħna għandna dan il-ministeru, ma naqtgħux qalbna (bil-grieg huwa l-istess verb ""Ma ngħejjewx'")* (2 Kor 4,1). Iħeġġeġ ukoll: *"tħallux it-tbatijiet li jien għaddej minnhom minħabba fikom jaqtgħulkom qalbkom: dawn huma l-glorja tagħkom"* (Ef 3,13).

**Qalilhom: 'Kien hemm f'belt wieħed imħallef, li la kien jibża' minn Alla u lanqas iħabbel rasu minn ħadd. F'dik il-belt kien hemm waħda armla, u kienet tmur għandu u tgħidlu: 'Agħmilli ħaqq kontra l-għadu tiegħi'"** (v.2-3)

***'Kien hemm f'belt wieħed imħallef'***: Il-figura tal-imħallef tesprimi l-qawwa, mentri dik tal-armla d-dgħufija.

***'kien hemm waħda armla'***: L-armla hija meqjusa bħala persuna mingħajr il-protezzjoni tar-raġel, fqira u li spiss kienet tispiċċa tittallab il-karita'. L-armla minn banda għanha imħallef ħażin u mill-banda l-oħra għandha għadu qalil. Tinsab bejn is-sitwazzjoni diffiċli li għaddejja minnha u Alla li jdum ma jagħmel il-

ħaqq lill-ħżiena: *"Għax l-għemejjel tal-ħżiena ma jieħdux minnufih il-kundanna li jkun jisthoqqilhom; għalhekk qalb il-ħżiena titħajjar ħafna biex tagħmel id-deni; għax il-ħażin, mqar jidneb mitt darba, idum jgħix ħafna"* (Koħ 8,11-12). Il-possibilita' biex wieħed jiskoraġġixxi ruħu hija kbira.

***'kienet tmur għandu u tgħidlu: 'Agħmilli ħaqq kontra l-għadu tiegħi''***: L-unika ħaġa li l-armla setgħet tagħmel kienet li toqgħod tmur għandu titolbu jagħmlilha ħaqq: *"Itolbu u jingħatalkom, fittxu u ssibu, ħabbtu u jiftħulkom. Għax min jitlob, jaqla; min ifittex, isib; u min iħabbat, jiftħulu."* (Lq 11, 9-10). Hija t-talba li ssir mid-dixxipli kontra għadu li għandhom, *"dak li jixli 'l ħutna, li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla tagħna"* (Apok 12,10): *"L-għadu tagħkom ix-Xitan qisu ljun jgħajjat, idur u jfittex'il min sa jibla. Iqfulu, sħaħ fil-fidi"* (1 Pt 5,8-9a).

**"Hu ma riedx, u dam ħafna hekk; iżda mbagħad bejnu u bejn ruħu qal: 'Mhux għax nibża' minn Alla jew għax sa nħabbel rasi min-nies, imma għallinqas għax din l-armla dejqitni; ħa nagħmilha ħaqq, biex ma tibqax ġejja u sejra sa ma tifnini.'"** (v.4-5)

Ġesu' tkellem iktar 'il quddiem bit-talb ta' insistenza fl-istorja tal-ħabib li jiġi f'nofs ta' lejl, *"jekk ma jqumx jagħtih għax ħabib tiegħu, iqum u jagħtih kull ma jkollu bżonn minħabba l-wiċċ sfiq tiegħu"* (ara Lq 11,5-8).

**"U l-Mulej qal: 'Isimgħu ftit x'jgħid l-imħallef il-ħażin. Mbagħad Alla, lill-magħżulin tiegħu li jgħajtulu lejl u nhar, sejjer ma jagħmlilhomx ħaqq? Sa joqgħod itawwal magħhom?"** (v.6-7)

***'Isimgħu'***: *"Isma', O Iżrael"* (Dt 6,4). Is-smigħ isir ubbidjenza.

***'lill-magħżulin tiegħu li jgħajtulu lejl u nhar'***: għax huma dawk li *"ġejjin mit-taħbit il-kbir"* (Apok 7,14). *"tistagħġbux għax tinsabu fil-forġa qalila tan-nar, li ġiet fuqkom biex iġġarrabkom, bħallikieku ġratilkom xi ħaġa mhux tas-soltu."* (1Pt 4,12). F'din il-ħajja diffiċli l-komunità nisranija għandha titlob dejjem bla ma taqta' għax tinsab kontinwament fil-bżonn u għax *"It-talba tal-umli tinfed is-sħab, u ma toqgħodx bi kwietha qabel tasal qrib il-Mulej, u ma tieqafx qabel ma' l-Għoli jagħti widen, u jagħti raġun lill-ġusti u jagħmel ħaqq"* (Sir 35,17-18); *"Jgħajtu l-ġusti għall-għajnuna, u l-Mulej jismagħhom; mid-dwejjaq kollha tagħhom jeħlishom"* (Salm 34,18).

**"Jiena ngħidilkom li malajr jagħmlilhom ħaqq. Imma taħsbu intom li Bin il-bniedem sa jsib il-fidi (fedelta' fl-istennija) fuq l-art meta jiġi?"** (v.8)

***'malajr'***: ma tiftihemx fis-sens ta' żmien, imma li t-talb ser jinstema' żgur. L-ewwel miraklu li jagħmel it-talb huwa li jsaħħaħ il-fidi f'Alla li huwa preżenti fl-istorja tagħna.

***'malajr jagħmlilhom ħaqq'***: L-espressjoni tmur kontra l-atteġġjament tal-imħallef li ma riedx 'u dam ħafna hekk'. Alla huwa differenti: *"Mela jekk intom, nies ħżiena bħalkom, tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar il-Missier mis-smewwiet jagħti spirtu qaddis lil dawk li jitolbuhulu!"* (Lq 11,13); *"Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu. U jien smajt il-karba tagħhom minħabba l-argużini tagħhom u għaraft l-uġiegħ tagħhom. Issa nżilt biex neħlishom."* (Eż 3, 7,8); *"Għax id-dehra sseħħ meta jkun waqtha, tistenna sa ma ttemm, u ma tqarraqx. Jekk hija ddum ma tasal, int stennieha, għax tiġi żgur, u ma tiddawwarx ma tasal!"* ( Ħab 2,3);

***'Imma taħsbu intom li Bin il-bniedem sa jsib il-fidi fuq l-art meta jiġi?'***: Hija domanda biex timbotta lid-dixxipli ħalli jipperseveraw fit-talb u biex isibu tweġiba għal ħbiebhom meta jistaqsu: *"Fejn hi l-wegħda tal-miġja tiegħu? Għax sa minn meta mietu missirijietna, kollox baqa' miexi kif kien sa mill-bidu tal-ħolqien."* (2 Pt 3,4). It-tweġiba tibqa' dejjem fil-mistoqsija: *"Fejn hi l-fidi tagħkom?"* (Lq 8,25).

**Għar-rifessjoni:**

- X'inhu dak li jimbuttani biex nitlob dejjem?
- Armla u żerriegħa tal-mustarda (mis-silta tal-qari ta' qabel) jistgħu jagħmlu l-għeġubijiet. Nipprova nqiegħed lili nnifsi żgħir, imdawwar b'ħafna bżonnijiet, nittallab kontinwament il-ħniena ta' Alla.
- It-talb ma jikkostrinġix lil Alla jagħtini (b'mod egoistiku) dak li jiena rrid, imma li jfakkarni li Alla jinsab dejjem preżenti b'imħabbtu ta' Missier fil-ħajja tiegħi. Kemm nemmnu dan?